

Paġna Ewlenija > ... > Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt > Proprjetà Fiż-żwieġ U Fis-sħubijiet Ċivili > Reġimi tal-Proprjetà Matrimonjali

Reġimi tal-Proprjetà Matrimonjali

Regoli nazzjonali dwar id-diviżjoni tal-proprjetà matrimonjali ta' konjuġi li għandhom element internazzjonali fir-relazzjoni tagħhom f'każijiet ta' divorzju, separazzjoni jew mewt

Iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea qegħdin dejjem aktar jiċċaqalqu minn pajjiż għall-ieħor biex jistudjaw, jaħdmu jew jibdeu familja f'pajjiż ieħor tal-UE. Dan iwassal għal żieda fl-għadd ta' koppji internazzjonali, kemm fi żwieġ kif ukoll fi sħubija rreġistrata.

Koppji internazzjonali huma koppji li l-membri tagħhom għandhom nazzjonalità differenti, jgħixu f'pajjiż tal-UE li mhux dak tagħhom jew għandhom proprjetà f'pajjiżi differenti. Koppji internazzjonali, sew jekk miżżewġin u sew jekk fi sħubija rreġistrata, iridu jġestixxu l-proprjetà tagħhom u, b'mod partikolari, jaqsmuha fil-każ ta' divorzju/separazzjoni jew tal-mewt ta' wieħed mill-membri tagħhom.

Ir-regoli tal-UE jgħinu lill-koppji internazzjonali f'dawn is-sitwazzjonijiet. Dawn ir-regoli japplikaw fi 18-il pajjiż tal-UE: L-Iżvezja, il-Belġju, il-Greċja, il-Kroazja, is-Slovenja, Spanja, Franza, il-Portugall, l-Italja, Malta, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Finlandja u Ċipru.

Dawn ir-regoli jiddeterminaw liema qradi ta' liema pajjiż tal-UE għandhom jittrattaw kwistjonijiet li jikkonċernaw il-proprjetà ta' koppja internazzjonali u liema liġi għandha tapplika biex jissolvew dawn il-kwistjonijiet. Ir-regoli jissemplifikaw ukoll kif is-sentenzi jew id-dokumenti notarili li joriġinaw minn pajjiż wieħed tal-UE għandhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti f'pajjiż ieħor tal-UE.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Jekk ikollok bżonn aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-awtoritajiet jew lil operatur fil-qasam tal-ġustizzja fil-pajjiż tal-UE kkonċernat.

Tista' wkoll tikkonsulta s-sit <http://www.coupleseurope.eu/mt/home> tal-Kunsill tal-Kmamar tan-Nutara tal-Unjoni Ewropea.

L-aħħar aġġornament: 09/07/2024

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.